MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 206/2008

**Imnara Limited (C 6856)**

**vs**

**Gelati Riviera Limited (C 22424)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti Imnara Ltd.fejn ippremettiet:-

Illi Charles Micallef in rapprezentanza legali tas-socjeta' esponenti bil-gurament tieghu jikkonferma :

1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija debitrici tas-socjeta' intimata fis-somma ta' sebgha u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro, tlieta u disghin ewro centezimi (€37,225.93) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa' mija wiehed u tmenin lira Maltin u disa' centezimi (LM15,981.09) bilanc minn import ta' prezz dovut konsegwenti ghall-bejgh u konsenja

ta’ ingredjenti u sustanzi marbuta ma’ u mehtiega ghall-produzzjoni ta’ gelati u prodotti ohra affini u relatati.

2. Illi minkejja li s-socjeta’ intimata hadet konsenja ta’ dawn l-istess ingredjenti u sustanzi u minkejja li inhargu mis-socjeta’ rikorrenti fatturi ghall-valur ta’ dawn l-ingredjenti u sustanzi lilha mibjugha u kkonsenjati s-socjeta’ intimata naqset li thallas dan l-istess valur u qieghda tirrifjuta li thallas dan l-istess valur wara li diversi drabi ntalbet sabiex tghamel dan mis-socjeta’ rikorrenti.

3. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex jigi kkanonizzat l-imsemmi kreditu ta’ sebgha u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro, tlieta u disghin ewro centezimi (€37,225.93) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa’ mija wiehed u tmenin lira Maltin u disa’ centezimi (LM15,981.09) favur is-socjeta’ rikorrenti flimkien mal-imghaxxijiet legali mid-data ta’ kull fattura li l-valur u import taghha huwa kompriz fl-imsemmi kreditu sal-effettiv pagament u l-ispejjez inkluz dak tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li l-hrug tieghu qieghed jigi mitlub kontestwalment ma’ dan ir-rikors.

Illi ghalhekk l-istess socjeta’ rikorrenti tablet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas is-somma ta’ sebgha u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro, tlieta u disghin ewro centezimi (€37,225.93) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa’ mija wiehed u tmenin lira Maltin u disa’ centezimi (LM15,981.09) bilanc minn import ta’ prezz dovut konsegwenti ghall-bejgh u konsenja ta’ ingredjenti u sustanzi marbuta ma’ u mehtiega ghall-produzzjoni ta’ gelati u prodotti ohra affini u relatati, izda li baqa’ ma thallasx.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura li l-valur u import taghha huwa kompriz fl-imsemmija somma mitluba sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dak tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li l-hrug tieghu qieghed jigi mitlub kontestwalment ma’ dan ir-rikors, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tas-socjeta' rikorrenti;

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u hekk baqghu kontumaci;

Rat li l-intimati msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux;

Rat ix-xhieda u dokumenti prodotti mis-socjeta' rikorrenti kif ukoll dik ta' Dr. Pio Valletta li kkonferma li ma thallas xejn fil-mori tal-kawza u l-ammont rikjest fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Rat il-verbal tallum 21 ta' Ottubru 2008;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ppruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tas-socjeta' intimata **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat b'dan illi:

1. Tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas is-somma ta' sebgha u tletin elf mitejn u hamsa u ghoxrin ewro, tlieta u disghin ewro centezimi (€37,225.93) ekwivalenti ghal hmistax-il elf, disa' mija wiehed u tmenin lira Maltin u disa' centezimi (LM15,981.09) bilanc minn import ta' prezz dovut konsegwenti ghall-bejgh u konsenja ta' ingredjenti u sustanzi marbuta ma' u mehtiega ghall-produzzjoni ta' gelati u prodotti ohra affini u relatati, izda li baqa' ma thallasx.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura li l-valur u import taghha huwa kompriz fl-imsemmija somma mitluba sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dak tal-Mandat

ta’ Inibizzjoni li l-hrug tieghu gie mitlub kontestwalment mar-rikors gurmentat, kontra s-socjeta’ intimata.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------